# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. NOEL V. ARRIGO LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A. LL.D., A.R.HIST.S.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 31 ta' Mejju 2002**

**Numru**

**Rik. numru 2850/96L2**

**John Bundy u Clyde Puli**

**vs**

**Awtorita' tax-Xandir**

**Il-Qorti;**

**PRELIMINARI**

**<u>Ic-citazzjoni ta' l-atturi</u>**

1(a) B'citazzjoni fl-ismijiet premessi l-atturi wara li ppremettew illi huma xandara professjonali u jahdmu full time u part time ma' stazzjonijiet tax-xandir; illi huma sejrin jikkontestaw bhala kandidati politici fl-elezzjoni generali li jmiss; illi l-Awtorita' konvenuta, bis-sahha tal-poteri moghtija lilha mill-artikolu 15 ATT XII tal-1991 dwar ix-Xandir ordnat illi dawn ix-xandara jieqfu mix-xoghol professjonali taghhom sal-

gurnata tal-elezzjoni (dok A u B) u imminaccjat lill-employer taghhom multa ta’ LM500 kull darba li l-atturi jaqdu d-doveri kontrattwali taghhom (Dok C); illi din l-ordni hija ultra vires ghall-poter tal-istess Awtorita’, u fi kwalunkwe kaz, l-Awtorita’ konvenuta naqset li tosserva l-principji tal-gustizzja naturali u l-ghemil taghha sar ghall-ghanijiet mhux xierqa jew jissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux relevanti, billi l-esponenti gew imcahhdin mid-dritt illi jezercitaw l-professjoni taghhom minghajr ma instemghu, u d-divjet ta’ kull xandira, anke dawk minghajr l-icken kontenut politiku huwa irragjonevoli u abbuziv specjalment meta jittiehdu in konsiderazzjoni c-cirkostanzi li huma kontrattwalment marbuta ma’ l-istazzjonijiet tax-xandir, mal-isponsors u mal-“advertisers” illi jippromowtjaw il-programmi taghhom, illi huma sejrin isiru redundant, u illi l-ghan li tid tilhaq l-Awtorita’ konvenuta bl-ebda mod m’hu proporazjonat jew relevanti ghall-konsegwenzi li qeghdin isofru l-esponenti; l-istess atturi ghar-ragunijiet premessi talbu lill-Awtorita’ tax-Xandir tghid ghaliex ghar-ragunijiet premessi m’ghandux jigi dikjarat u deciz illi l-ordnijiet moghtija fl-imsemmija Dok “A” “B” u “C” in kwantu jolqtu lill-atturi huma nulli u bla ebda effett.

**L-eccezzjonijiet ta’ l-Awtorita’ tax-Xandir**

1(b) L-Awtorita’ tax-Xandir eccepiet hekk:-

(i) Fl-ewwel lok in-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' dik il-Qorti li tissindika l-operat ta' l-Awtorita' fil-qadi tal-funzjonijiet taghha, a tenur ta' l-art. 118(9) tal-Kostituzzjoni.

(ii) Illi subordinatament u bla pregudizzju t-talba hija nfondata stante li d-decizjoni taghha kienet fil-limiti tal-poteri moghtija lilha skond l-artikolu 119(1) tal-Kostituzzjoni.

(iii) Illi d-decizjoni taghha kienet motivata skond u fit-termini ta' l-art. 119(1) tal-Kostituzzjoni u hadet in konsiderazzjoni fatti rilevanti, in partikolari illi politikanti li jkunu ser jikkontestaw elezzjoni generali jkollhom vantagg ingust jekk jithallew jippartecipaw jew merament jidhru fuq programmi tat-television jew tar-radio. Dan ghaliex anki jekk il-politikant ma jaghmel ebda kumment tieghu matul ix-xandir ikun qieghed jircievi "exposure" konsiderevoli iktar fuq il-media minn kandidati ohra.

(iv) Illi fil-funzjoni regolatrici taghhom, il-principji tal-gustizzja naturali ma humiex applikabbli billi d-decizjoni taghha kienet wahda li tapplika ghall-istazzjonijiet kollha u ghall-persuni kollha li fihom jahdmu.

(v) Illi inoltre jezistu numru ta' impjegati ohra f'setturi ohra illi n-natura tax-xoghol taghhom ma jippermettilhomx illi jikkontestaw elezzjoni generali. F'dawn il-kazijiet hija l-prassi normali illi dawn il-persuni jigu moghtija "leave of absence" mix-xoghol taghhom matul il-kampanja elettorali, u ghalhekk is-sitwazzjoni ta' l-atturi m'hijiex wahda unika, izda komuni ghal min jahdem f'certi setturi u jkun irid jikkontesta elezzjoni.

(vi) Illi ghalhekk id-decizjoni ta' l-Awtorita' kienet wahda proporzjonata u fil-parametri tal-ligi.

**Is-sentenza appellata**

2. B'sentenza tat-3 ta' Ottubru , 2001 fil-kawza fl-ismijiet premessi l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili ddecidiet billi waqt li cahdet l-eccezzjonijiet tal-Awtorita' kovenuta, laqghet it-talbiet tal-atturi u ddikjarat li l-ordnijiet moghtija mill-Awtorita' konvenuta fid-dokumenti immarkati bhala "A", "B, u C" esibiti a fol 13, 14, u 15 rispettivament tal-process, in kwantu jolqtu lill-atturi kienu nulli u bla effett u dan abbazi ta' dak li ntqal fis-sentenza, bl-ispejjez kontra l-Awtorita' tax-Xandir konventa.

**L-appell tal-Awtorita' konvenuta**

3. L-Awtorita' konvenuta interponiet appell minn din is-sentenza fuq l-aggravju segwenti:-

(i) Illi l-Prim' Awla tal-Qorti Civili bazikament iddecidiet il-kawza fuq interpretazzjoni tal-artikoli rilevanti tal-Kostituzzjoni u tal-Att dwar ix-Xandir. L-argument tal-Qorti kien fis-sens li l-projbizzjoni li ghamlet l-Awtorita' fir-rigward ta' xandara li kienu bi hsiebhom jikkontestaw l-elezzjoni ghall-perjodu qabel l-istess elezzjoni ma kienx necessarju biex l-Awtorita' tilhaq l-iskopijiet lilha prefissi fil-Kostituzzjoni ufl-att fuq

imsemmi . L-esponent jissottometti bir-rispett, li fl-ghemil ta' tali gudizzju l-ewwel Onorabbli Qorti marret oltre dak lilha permess mill-ligi u uzurpat, dejjem bl-akbar rispett, gurisdizzjoni li ma kienitx tikkompeti lilha. Fil-fatt il-gudizzju tal-ewwel Onorabbli Qorti kien intiz biex jirrifletti fuq l-utilita u n-necessita' ta' tali projbizzjoni biex l-Awtorita' tilhaq l-iskopijiet lilha prefissa. Ghalhekk l-ewwel Onorabbli Qorti kienet qieghda taghmel gudizzju fuq l-espedjenza li ssir tali divjet u mhux fuq il-legalita' ta' dak id-divjet kellha tigi konsidrata fid-dawl tal-kompetenzi attribwiti lill-Awtorita' u mhux fid-dawl tal-utilita' jew htiega li jsir dak id-divjet. Il-Konsiderazzjoni tal-utilita, htiega jew necessita' tad-divjet kienet tikkompeti biss, bir-rispett kollu, lill-Awtorita' u mhux lill-Qorti. Meta l-Awtorita' ghamlet il-projbizzjoni in kwistjoni hija kienet qieghda tirregola materja li giet mhollija f'idejha mill-ligi u mil-Kostituzzjoni u ghallhekk ma kienet bl-ebda mod ultra vires il-poteri taghha.

(ii) Illi argument li deher li impressjona sew l-ewwel Onorabbli Qorti kien li dawn ix-xandara ma kienux involuti f'diskussjonijiet politici u li l-programm taghhom kien newtru ghall dak li jirrigwarda il-politika. Issa anke hawn din hija materja li tirrigwarda prettament il-funzjoni ta' l-Awtorita', u kien gudizzju li jikkompeti lill-Awtorita' u mhux lill-Qorti . Inoltri ma hux tant korrett li f'tema ta' elezzjonijiet, il-fatt li wiehed jkun espost fuq it televisjoni izjed minn hadd iehor ghandu effett newtru f'dak li jirrigwarda it-tigrija elettoral. Huwa ferm evidenti li f'kuntest elettorali, la darba kandidat jkun qieghed jidher fuq it-televisjoni, l-presenza tieghu

stess ma thallix dak il-programm politikament newtru. Huwa evidenti il-kompitu ta' l-Awtorita' li tara li fl-elezzjoni l-mezzi tax-xandir jigu utilizzati b'mod halli hadd ma jkun jista' jiehu vantagg fuq l-iehor u jkun hemm tqassim xieraq tal-'air time'. Ghalhekk huwa evidenti li d-divjett li ghamlet l-Awtorita' kien jaqa f'dawn il-parametri u ma setax jigi meqjus ultra vires il-poteri ta' l-Awtorita' taht il-Kostituzzjoni u taht il-ligi.

(iii) Illi inoltre anke l-eccezzjoni fir-rigward tal-applikabilta' tal-principji ta' gustizja naturali giet malament michuda. Huwa evidenti li l-Awtorita' ma kienitx qieghda fil-hrug tad-direttiva taghha tiddisponi minn xi kwistjoni rigwardanti persuna partikolari imma kienet qieghda tesercita funzjoni regolatrici fis-sens tal-generalita tax-xandara. F'dan is-sens il-principji ta' gustizja naturali ma setghux jkunu applikabbli ghall-tali direttiva u ghalhekk l-eccezzjoni tal-Awtorita' f'dan is-sens giet malament michuda.

Ghaldaqstant l-Awtorita' tax-Xandir appellanti talbet dina l-Qorti joghgobha tirrevoka l-precitata sentenza tat-3 ta' Ottubru, 2001 fil-kawza fl-ismijiet premessi u b'hekk tidddeciedi billi tichad it-talbiet tal-atturi bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghhom.

**<u>Ir-risposta ta' l-atturi appellati</u>**

4. L-appellati wiegbu hekk:

(i) Illi s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma.

(ii) L-Awtorita' tax-Xandar qieghda toggezzjona ghall-fatt li l-ewwel Qorti tat wisq konsiderazzjoni lin-necessita' u l-utilita' tal-projbizzjoni u mhux il-legalita' taghha, li skond l-Awtorita' kienet konformi mal-ligi. Il-legalita' tad-divjet ma jistax jitqies wahdu, minghajr ma tittiehed in konsiderazzjoni kemm in-necessita' ta' dik l-ordni, kif ukoll l-isfond li fiha qeghda tittiehed.

Dan hu li qed isemmi l-ligi f'Artikolu 469A tal-Kodici ta' Procedura Civili, fejn tghid li eghmil amministrattiv li jsir "ghal ghanijiet mhux xierqa jew jissejjes fuq kunsiderazzjonijiet mhux relevanti", jista' jkun iddikjarat bhala att ultra vires, u ghalhekk null u bla effett.

(iii) Il-parametri tax-xoghol (ta' l-operat) ta' l-Awtorita' johorgu cari mill-Art. 119 tal-Kostituzzjoni. Dan l-artikolu jghid li l-Awtorita' ghandha tliet funzjonijiet:-

- Illi tinzamm imparzjalita' xierqa dwar hwejjeg ta' kontroversja politika, industrijali, jew 'policies' pubblici kurrenti; u
- Illi l-facilitajiet u l-hin ta' xandir jitqassam b'mod xieraq bejn persuni ta' partiti politici differenti; u
- Illi twettaq dawk il-funzjonijiet l-ohra moghtija lilha b'forza ta' xi ligi.

Ghaldaqstant, biex ordni ta' l-Awtorita' ma titqiesx bhala wahda ultra vires, trid almenu tkun msejjsa taht xi wahda minn dawn it-tliet funzjonijiet. Jekk wiehed jinjora dawn il-kunsiderazzjonijiet, jistgha jasal ghall-konkluzjoni li l-eghmil ta' l-Awtorita' kien legali. Pero' il-ligi taghmilha cara li eghmil amminstrattiv jista' jittiehed biss fuq il-bazi ta' kunsiderazzjonijiet xierqa u rilevanti. Kull motiv iehor, ikun kemm ikun ispirat minn ghanijiet tajbin, izda li jkun irrilevanti, jigbed dubju serju fuq il-legalita' ta' dak l-eghmil amministrattiv.

(iv) Fil-kaz odjern, l-ordni ta' l-Awtorita' laqtet lil zewg xandara professjonali, li f'xogholhom kienu jew idoqqu muzika popolari, jew fil-kaz ta' wiehed minnhom li jidher f'xi reklami kummercjali ukoll. Certament li d-divjet milli jxandru diski popolari, jew li jidher f'riklam, ma kellu – u anqas seta' jkollu – ebda 'bearing' fuq iz-zamma ta' l-imparzjalita' fl-ambitu ta' l-Elezzjoni Generali tal-1996. Hekk ukoll ix-xoghol taz-zewg atturi, billi ma kienx ta' natura politika, ma setax jaffettwa l-allokazzjoni ta' l-'air time' b'mod ekwu bejn il-partiti politici kollha. L-eghmil ta' l-Awtorita', ghaldaqstant, ma taqa' la taht l-ewwel u l-anqas taht it-tieni funzjoni ta' l-Awtorita' skond kif elenkati fil-Kostituzzjoni. Fl-ahharnett l-Awtorita' anqas ma hi qed tistrieh fuq xi poter iehor moghti lilha minn xi ligi ohra; it-tielet funzjoni taghha skond il-Kostituzzjoni ghalhekk m'hix in diskussjoni.

(v) Il-konkluzjoni ghalhekk hija li, billi r-ragunament ta' l-Awtorita' waqa' lil hinn mill-funzjoni moghtija lilha skond il-Kostituzzjoni, l-

ordni taghha hija wkoll lil hinn mill-ligi: l-ordni hija ultra vires, kif gustament gie deciz mill-Onorabbli l-Ewwel Qorti.

(vi) L-appellati jghamlu riferenza ghan-nota ta' osservazzjonijiet taghhom ipprezentata quddiem l-Ewwel Qorti u a skanz ta' ripetizzjoni jergghu itennu s-sottomissjonijiet maghmula fiha.

Ghaldaqstant l-atturi appellati talbu li dina l-Qorti tikkonferma s-sentenza moghtija fit-3 ta' Ottubru, 2001, mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet premessi u ghaldaqstant tichad l-appell ta' l-appellanti bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghhom.

**Il-Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

5. Ikkunsidrat li l-aggravju ewlieni ta' l-appellanti huwa illi f'dak li gie ddeliberat u deciz fis-sentenza appellata, l-Ewwel Qorti "marret oltre dak lilha permess mil-ligi u uzurpat ... ... gurisdizzjoni li ma kienetx tikkompeti lilha". Illegalita' o meno tad-divjett ordnat mill-Awtorita' tax-Xandir, issostni l-appellanti, kellha titqies fid-dawl tal-kompetenzi attribwiti lill-Awtorita' tax-Xandir u mhux fid-dawl ta' l-utilita' jew htiega li jsir dak id-divjett. Tali setgha tispetta biss lilha u dan in forza tal-Kostituzzjoni. Minbarra s-suespost, id-divjett li gie ordnat mill-Awtorita' kien jinkwadra ruhu fil-parametri tal-ligi u tal-Kostituzzjoni u bl-ebda mod ma seta' jitqies bhala li kien wiehed 'ultra vires'. Fl-ahharnett, fil-hrug tad-divjett de quo, l-Awtorita' kienet qeghda tezercita biss funzjoni regolatrici b'mod generali dwar xandara u, konsegwentement, il-principji

tal-gustizzja naturali u l-applikabbilita' o meno taghhom ma jiccentrawx f'din il-vertenza.

6. Illi din il-Qorti tibda billi tosserva li l-aggravji ta' l-Awtorita' appellanti, kif hawn fuq esposti, fil-fatt jammontaw ghal riaffermazzjoni ta' l-argumenti legali u ragjonamenti maghmulin dwarhom u li kienu gew avanzati mill-appellanti fil-kors tas-smiegh tal-kawza fl-ewwel istanza. Billi l-Ewwel Qorti rrespingiet dawn is-sottomissjonijiet, jidher li l-appellanti ghadha m'hi konvinta bl-ebda mod dwar dak li gie deciz mill-Ewwel Qorti.

7. L-aggravju ewlieni ta' l-Awtorita' tax-Xandir, l-appellanti jigifieri, hu li in kwantu, skond hi, id-divjett moghti kien jinkwadra ruhu f'dawn il-poteri lilha moghtijin bl-artikolu 119 tal-Kostituzzjoni, u specifikament is-subinciz (1) tieghu, ma sar xejn ultra vires min-naha taghha. Di piu', l-Att ta' l-1991 dwar ix-Xandir kien jissupplimenta dan ir-rwol regolatorju taghha kif hemm fl-artikolu 15 ta' dana l-Att.

8. Bir-rispett kollu lejn dak li gie sottomess mill-appellanti, din il-Qorti, bhalma rriteniet b'mod magistrali l-Qorti ta' l-ewwel istanza, fis-sentenza taghha, hija tal-fehma li dawn il-Qrati m'humiex zvestiti in assolut mil-ligi milli jissindikaw l-operat ta' l-Awtorita' meta jkun gie allegat li din tkun abbuzat jew marret 'il hinn minn dawk il-parametri konferiti lilha specifikament mill-Kostituzzjoni jew bil-ligi fil-qadi tal-

funzjonijet taghha. Decizjoni ricensjuri in propozitu ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta, jigifieri, dik fil-kawza fl-ismijiet "Grima Communications Limited vs. Awtorita' tax-Xandir" moghtija fis-6 ta' Awissu, 2001, in fatti, irriaffermat ghal darb'ohra.

> "Illi huwa risaput li fir-rigward ta' l-ezercizzju tal-funzjoni principali taghha kif stabbilita fis-subinciz 1 ta' l-artikolu 119, il-Qorti Kostituzzjonali rriteniet diversi drabi illi ghalkemm fl-ezercizzju ta' dik il-funzjoni l-Awtorita' tax-Xandir ma kienet soggetta ghall-kontroll ta' l-ebda persuna jew awtorita' ohra, l-istess Qorti kellha l-poter anke f'dawn li tivverifika jekk l-ezercizzju tad-diskrezzjoni lilha konferit bil-Kostituzzjoni jew bil-ligi, l-Awtorita' kienetx hadet konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha rilevanti u mehtiega biex tifforma l-gudizzju taghha biex tkun f'posizzjoni li sewwa tezercita d-diskrezzjoni lilha moghtija b'mod esklussiv (ara Dominic Mintoff noe – vs – Onor. Imhallef Montanaro Gauci, deciza minn dik il-Qorti fit-22 ta' Mejju, 1971)".

9. Illi mas-suespost imbaghad irid jigi mizjud u mehud in konsiderazzjoni l-artikolu 469A tal-Kap 12 fejn is-subinciz (iv) jikkonferixxi gurisdizzjoni lil dawn il-Qrati, ankorke' u salv kif ipprovdut mod iehor bil-ligi, biex jistharrgu l-validita' ta' xi ghemil amministrattiv jew li jiddikjaraw dak l-ghemil null, invalidu jew minghajr effett fil-kazijiet hemm tassattivament elenkati ("biss") u, fost dawn, meta l-ghemil amministrattiv ikun ultra vires ghar-raguni li dak l-ghemil ikun jissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti jew li jkun imur mod iehor kontra l-ligi jew li ma tkunx awtorizzata sabiex twettqu. Illi ghalhekk, l-aggravju ta' l-appellanti illi l-ewwel Qorti marret oltre dak lilha permess mil-ligi u li addirittura "uzurpat ...........gurisdizzjoni li ma kienetx tikkompeti lilha" huwa infondat.

10. Ikkunsidrat imbaghad illi fost il-kompetenzi li gew attribwiti bil-ligi lill-Awtorita' tax-Xandir, jigifieri kemm in forza ta' l-artikolu 119(1) tal-Kostituzzjoni, kif ukoll l-artikolu 15 ta' l-Att Numru XII ta' l-1991 hemm il-funzjoni – wahda bazilari ghal din il-kawza – li tara li "tigi mizmuma imparzjalita' xierqa dwar hwejjeg ta' kontroversja politika jew industrijali jew li jirrigerixxu ghal "policy" pubblika kurrenti u illi "l-facilitajiet u l-hin ta' xandir huma mqassma b'mod xieraq bejn persuni li jkunu ta' partiti politici differenti".

Illi dak li qeghda tikkontendi l-Awtorita' tax-Xandir fil-fatt hu li d-decizjoni li hija hadet, taht xorta ta' divjett u li allura laqghet ix-xoghol li kienu jaghmlu bhala xandara z-zewg atturi appellati, hija agixxiet ghal kollox <u>intra vires</u> u li, per konsegwenza, dak li sar minnha kien fil-kompetenza u diskrezzjoni esklussiva taghha.

11. Illi mill-provi u sottomissjonijiet li saru jemergi li l-appellati t-tnejn kienu impjegati bhala xandara ma' stazzjon tar-radju, wiehed fil-qasam tal-muzika u l-iehor fil-qasam sportiv. Huwa pacifiku li ebda wiehed miz-zewg appellati ma abbuza minimament mill-posizzjoni tieghu ta' xandar u lanqas hemm l-icken prova li f'xi waqt xi hadd minnhom, jew fil-programmi tieghu bir-radju, ma gew inkluzi jew msemmija hwejjeg ta' kontroversja politika jew industrijali jew li jirriferixxu ghal "policy" pubblika kurrenti. L-intervent li sar min-naha ta' l-Awtorita' appellanti

ma kienx motivat minhabba xi allegazzjoni ta' xi involviment f'dan is-sens. Jidher, invece, li dak li induca lill-appellanti biex tagixxi kien merament il-fatt li bl-impjieg ta' xandar li kellhom iz-zewg appellati ma' stazjoni tar-radio lokali u bil-fatt li huma kienu jxandru fuq bazi regolari programmi fl-oqsma fuq imsemmija, li b'dan il-fatt wahdu huma kienu qeghdin jakkwistaw "vantagg ingust" billi wiehed minnhom kien qieghed 'jircievi exposure" "konsiderevoli fuq il-media a skapitu ta' kandidati ohrajn". Jidher ghalhekk evidenti li fir-ragjonament taghha, kif fuq esposti, l-Awtorita' tax-Xandir zgancjat ghal kollox in-ness bejn il-prezenza attiva taz-zewg appellati bhala xandara fuq il-mezzi tax-xandir ma' xi intromissjoni jew involviment f'materja ta' kontenut politiku, kontroversja industrijali jew dwar 'public policy' kurrenti. Din it-tezi giet espressament dikjarata fin-nota ta' l-eccezzjonijiet taghha (fol 18 tal-process, para 3) fejn tissemma' din ir-raguni, jigifieri:

> "Dan ghaliex anki jekk il-politikant (sic) ma jaghmel ebda kumment tieghu matul ix-xandir, ikun qieghed jircievi "exposure" konsiderevoli iktar fuq il-media minn kandidati ohra".

Din il-Qorti nnutat li fil-korrispondenza li giet stampata mad-dirigenti tar-Radio 101 fi "Press Release" mahruga minnha u minn dak li xehed il-Kap Ezekuttiv taghha, Antoine Ellul (fol 35 tal-process), l-Awtorita' sostniet li hija dejjem segwiet "din il-prassi f'kull elezzjoni li saret mill-1961 'l hawn". Esebit ukoll kopja ta' parir mibghut lilha bhala linja-gwida mill-European Broadcasting Union (fol 38), liema ittra taghmel

ukoll riferenza lejn prassi rakkomandatorja segwita gewwa Franza. Dawn il-linji-gwida huma konformi ma' dak li ddecidiet hi, tghid l-Awtorita' tax-Xandir, u dan wara li kellha ukoll il-pariri unanimi tal-konsulenti legali taghha.

12. Din il-Qorti, wara li qieset is-sottomissjonijiet tal-partijiet jidhrilha li ghalkemm certament jista' jkun utli li wiehed jara u jezamina dak li jigri f'kazi simili f'pajjizi jew entitajiet barranin, dan m'ghandu qatt jiehu post dak li jkun hemm fis-sehh fil-ligijiet tal-pajjiz. Dan qed jinghad ghaliex meta l-ligi nostrali gja tipprovdi espressament dwar din il-materja, imqar jekk ma tidholx fl-irqaqat kollha, wiehed irid joqghod fuq dak li hemm hekk stipulat u mhux ifittex band'ohra.

13. Illi l-artikolu 119(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jitkellem b'mod generiku dwar <u>it-tqassim b'mod xieraq ta' facilitajiet u l-hin tax-Xandir bejn persuni li jkunu ta' partiti politici differenti</u>. It-tqassim xieraq ta' facilitajiet u l-hin tax-Xandir hawnhekk hu konness ma' persuni li jappartenu lil partiti politici differenti. In forza ta' l-Att XII ta' l-1991 imbaghad, u sewwa sew fl-artikolu 15, tissemma' direttament il-funzjoni – wahda bazilari ghall-fini ta' din il-kawza – li l-Awtorita' tax-Xandir ghandha tara "li tigi mizmuma imparzjalita' xierqa dwar hwejjeg ta' kontroversja politika jew industrijali jew li jirriferixxu ghal 'policy' pubblika kurrenti u illi l-facilitajiet <u>u l-hin ta' xandir huma mqassma</u>

b'mod xieraq bejn persuni li jkunu ta' partiti politici differenti" (sottolinear tal-Qorti).

14. L-Ewwel Qorti kienet kategorika fis-sens li sakemm xandar 'di professione', bhal ma kienu l-atturi, ma jinvolvix ruhu fi programm jew programmi jew jidher fi 'spots' pubblicitarji f'materja ta' politika jew ta' kontroversja industrijali jew dwar "public policy" kif imsemmi fil-ligi, kull intervent regolatorju min-naha ta' l-Awtorita' tax-Xandir ikun wiehed ultra vires u, per konsegwenza, abbuziv u illecitu.

15. Din il-Qorti, wara li ezaminat is-sottomissjonijiet tal-partijiet u t-test tal-ligi, jidhrilha li kemm fid-dicitura generika adoperata mill-Kostituzzjoni u aktar u aktar minn dak li jiddisponi l-artikolu 15 tal-Att XII tal-1991 hemm tassew rabta u konnessjoni logika bejn l-attivita' tal-bniedem politiku kif fuq imsemmi u l-facilitajiet u l-hin li jigu allokati f'dan ir-rigward. Fi kliem iehor, it-tqassim tal-fakolitajiet u tal-hin tax-xandir m'ghandhomx jigi zgancjati minn dik il-konnessjoni evidenti li tezisti fit-test tal-ligi ma' l-attivita' politika ta' dik il-persuna. Kwindi jsegwi li persuna politika li incidentalment tkun tezercita wkoll il-professjoni jew il-mestjer ta' xandar fuq il-mezzi tax-xandir, b'dan il-fatt wahdu biss u independentement minn xi involviment f'materja ta' politika et coetera, ma jistax jitqies li tali ezercizzju ut sic ikun jista' jigi pprojbit mill-Awtorita' billi jigi imwaqqaf. Dan ifisser ukoll allura li, bil-maqlub ta' dak li qed jigi sottomess mill-appellanti, is-semplici "exposure" ta' kandidat

politiku fil-vesti ta' "disc jockey", jew ta' kummentatur sportiv m'hijiex bizzejjed biex wehidha twassal ghal xi nuqqas ta' imparzjalita' jew zbilanc fit-tqassim tal-facilitajiet jew hin ta' xandir bejnu u bejn kandidati politici ohrajn li ma jezercitawx tali professjoni jew mestjer.

16. Filwaqt li din il-Qorti tifhem u tapprezza il-preokkupazzjoni ta' l-Awtorita' tax-xandir sabiex tizgura kemm hu possibbli li jinzamm il-bilanc gust bejn il-persuni fi hdan partit politiku u iehor f'materja mill-aktar delikata bhalma hu x-xandir fiz-zmien tal-elezzjoni, ma tistax lanqas pero' tippermetti interventi, f' forma ta' divjet, li jmorru `l hinn minn dak konsentit mil-ligi. Trattandosi ta' restrizzjonijiet fuq il-libertajiet ta' l-individwu bhalma hu d-dritt ghax-xoghol, qabel ma tittiehed mizura inibitorja bhax-xorta mehuda mill-Awtorita' irid qabel xejn jigi accertat li dan ikun sar fil-parametri tal-ligi. Huwa minnu li jista' jigri, kif gie anke sottomess mill-appellanti, li persuna li tkun tidher f'vesti ta' "disc jockey' jew ta' kummentatur sportiv takkwista aktar "gharfien" jew "popolarita'" minn persuni politici ohrajn li ma jahdmux fil-qasam tax-xandir jew bhala xandara taht forma ta' 'exposure' imma din il-kostatazzjoni mhijiex bizzejjed biex wiehed jestendiha bil-mod koncepit mill-Awtorita'. Anki l-fatt li l-Awtorita' tax-Xandir donnha ssib konfort mill-fatt li din kienet il-prassi minnha segwita sa mill-1961 jimmerita kumment. L-Awtorita' appellanti messha hadet ukoll kont tal-ahhar zviluppi fil-qasam tax-xandir fejn, per ezempju, in forza ta' l-Att XII tal-199l,fejn qabel kien isir xandir minn stazzjon wiehed ikkuntrattat mill-Awtorita' responsabbli

ghall-Istat, dahal minflok il-pluralizmu fix-xandir, b'numru ta' stazzjonijiet differenti, licenzjati mill-Awtorita', anki ta' orjentazjoni politika partiggjana dikjarata. Kwindi, meta l-Awtorita' dehrilha li ghandha twaqqaf lill-atturi milli jkomplu fil-hidma taghhom qua xandara fuq l-pretest biss - assunt u mhux ippruvat kif ser jinghad aktar 'il quddiem - li dawn kienu kandidati politici, hija agixxiet ultra vires u kwindi mhux skond il-ligi.

17. Minbarra s-suespost pero', anki li kieku wiehed .kellu jikkunsidra l-fattispecji tal-kaz bil-kriterji stabbiliti mill-Awtorita' stess, xorta wahda jsib li l-appellanti agixxiet malament. Dan qieghed jinghad ghar-raguni li din il-Qorti ma sabet l-ebda prova li turi bic-car illi z-zewg appellati kienu effettivament "kandidati ghall-Elezzjoni". L-istqarrija bin-numri 32/96 mahruga mill-Awtorita'fl-1 ta' Ottubru 1961 (Dok A, fol 13) talludi b'mod generiku ghal persuni fix-xandir li jkunu "kandidati prospettivi", u l-istess taghmel l-ittra mibghuta mill-Kap Ezekuttiv li ggib l-istess data (Dok B, fol 14). Dawn iz-zewg komuniki pero' gew preceduti b'ittra tat-30 ta' Settembru 1996 (Dok C, fol 15) fejn hemm li wara li l-Awtorita' hadet pariri legali konkordi, hija ddecidiet, "li xandar li huwa ukoll kandidat ghall-elezzjoni ma jistax ikompli jew jiehu sehem fil-programmi ghal zmien il-kampanja elettorali" (sottolinear tal-Qorti). Bejn "kandidat prospettiv" ghal iehor "li huwa kandidat" hemm gia' differenza netta ghax fejn hemm lok ta' incertezza fl-ewwel kaz, fit-tieni hemm ic-certezza. L-Awtorita' appellanti ma ressqet ebda prova biex turi li fiz-

zmien li hija agixxiet l-atturi kienu gja' kandidati ghall-Elezzjoni. Incidentalment anki il-parir moghti lilha mill-European Broadcasting Union (fol 38) li "a sua volta huwa msejjes fuq rakkomandazzjoniji jew prattika adoperata gewwa Franza huwa bbazat fuq il-premessa ta' xandar "who is a candidate in the election". Dwar dan il-punt lanqas ma jista' jinghad li l-Awtorita' appellanti agixxiet "korrettement" ghaliex l-atturi kkontestaw ukoll il-premesssa li huma gja' kienu kandidati politici. Fl-affidavit tieghu in fatti l-attur John Bundy xehed hekk (fol 27):

> " nippreciza illi sa dan iz-zmien, jiena kont biss imhajjar nikkontesta l-Elezzjonijiet Generali u formalment la kont u anqas stajt inkun kandidat billi jiena ma kont ipprezentajt ebda applikazzjoni formali mal-Kummissjoni Ellettorali.'

Similment xehed l-attur l-iehor Clyde Puli, bla ma gie kontradett. Jirrizulta inoltre li l-Kap Ezekuttiv tar-Radio 101, l-"employer" ta' l-appellati igifieri, kien wieghed ukoll lill-Awtorita' f'dan is-sens b'ittra datata 30 ta' Settembru 196 fejn infumaha li,

> "…….sakemm ma jintefghux in-nomini u John Bundy u kif ukoll Clyde Puli jsiru kandidati b'mod ufficjali, dawn ma jistghux jitqiesu bhala kandidati".

Fin-nuqqas ta' prova dwar li l-atturi kienu tassew kandidati, l-Awtorita' ma kellha ebda dritt li dan tassumieh u tagixxi kontra l-atturi.

18. Illi ghalkemm din il-Qorti ma abbracjajtx is-sottomissjonijiet kollha li gew avanzati mill-atturi, fosthom dak fejn ghamlu paraguni fil kaz ta'

nies politici li jhaddnu professjoni diversa minn taghhom u li jistriehu fuq argomenti pjuttost sofisti u li ma jreggux, madanakollu hemm bizzejjed provi li juru li l-agir tal-Awtorita' tax-Xandir kien wiehed ultra vires u per konsegwenza inkorrett. Dan jirrizulta minhabba li l-Awtorta' agixxiet billi marret `il hinn minn dak li hemm komminat fil-ligi u ghax strahet ukoll fuq premessa ta' fatt li kienet ghadha ma gietx accertata u li kienet ghadha ma avveratx ruhha.

Ghalhekk, l-aggravji ewlenin ta'l-Awtorita' appellanti qeghdin jigu respinti u mhux il-kaz li din il-Qorti tiddilunga oltre.

Ghaldaqstant tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata, tichad l-appell tal-Awtorita' tax-Xandir bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghha.

Dep/Reg

fv